Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija
(Spt. Paul Vassallo)

- vs -

Tonio Spiteri

Seduta tal-lum 14 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Tonio Spiteri, bin Joseph , Karta tal-Identita' numru 456075 (M), akkuzat talli fit- 8 ta' Frar, 1999 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, biegh, jew xort'ohra ittraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha minnha bi ksur ta' l-artikolu 8 (e) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali tat-22 ta' Marzu, 2000 skond l-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza

Rat illi l-imputat irregistra in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 1999;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi f'din il-kawza kienu s-segwenti:

**L-Ispettur Paul Vassallo**, xehed illi fit-8 ta' Frar, 1999 il-Pulizijia kienu ircevew diversi telefonati anonimi li rrapurtaw li bniedem suspettuz liebes barnuza kien qed jigri madwar ix-Xaghra. Il-Pulizija marret fuq il-post u wara hafna hin u aktar rapporti, il-persuna intlemhet fl-inhawi ta' Triq Patri Mattew. Wara li din il-persuna tkellmet b'accent barrani l-Ispettur talbu l-passaport u dan infurmah li kien hallieh fil-flat tieghu. Mitlub biex il-pulizija taccedi fil-flat, din il-persuna talbet zmien biex qabel tnaddaf il-fond u din ghalhekk qanqlet suspett. Malli acceda fil-fond tal-persuna, l-ispettur lemah oggetti in konnessjoni mat-tipjip tad-droga Haxixa. Minn fuq din il-persuna kienet elevata sustanza kannella u iebsa u ghalhekk din il-persuna kienet arrestata. Mitluba tghid minn fejn kienet xtrat din is-sustanza, il-persuna semma lil-certu wiehed mgharuf bhala il-Boqri li kellu karozza sabiha u gdida u li kien juza "Skull Cap" tas-suf fuq rasu. Il-Pulizija ghalhekk marret tarresta lill-imputat li meta ingieb l-ghassa kien liebes beritta f'rasu. Dan tqieghed bejn zewg persuni ohra u kien identifikat minn Charles Mercieca, li kien misjuba fil-pussess tal-blokka kannella, bhala l-fornitur tal-istess.

**Charles Mercieca** xehed illi huwa ghall-ewwel huwa ried jixtri d-droga Marijuana izda ltaqa' mal-imputat li kien bieghlu l-Cannabis f'tlett okkazzjonijiet bil-prezz ta' Lm50 kull darba.

Ingiebet ukoll xhieda biex turi li l-imputat kien acceda fejn il-fond ta' Mercieca il-gurnata ta' qabel. Mercieca kien qed jghin lill-gar tieghu jizboh il-qiegh tal-karozza bil-qatran u fil-fatt iccappas ukoll bl-istess materjal li nsab mal-qmis tieghu, liema qmis instabet ukoll fil-flat ta' Mercieca. Il-gar ta' Mercieca xehed illi l-imputat kien gie hemm u staqsa ghall-missieru. Dan ix-xhud kien konflingenti hafna bejn dak li qal fl-istqariija tieghu u dak li xehed quddiem il-Qorti tant li innega li ra lill-imputat diehel fil-flat ta' Mercieca.

Mercieca qal li f'zewg okkazzjonijiet kien mar hu biex jixtri d-droga minghand **l-imputat** li da parti tieghu innega li qatt biegh droga lill-Mercieca. Huwa qal illi kien minnu li kien mar ghand Mercieca u dan

sabiex iwassal risposta ta' certu Victor Vella lill-Mercieca li dan tal-ahhar ma kellux ghalfejn jinzel ghandu filghaxija peress illi ma kienx ser ikun hemm u peress illi Mercieca kellu jinzel ghand Vella biex icempel mill-garage tieghu l-Awstralja. Il-konnessjoni ta' l-imputat ma' Vella kienet wahda ta' negozju peress illi l-imputat kellu l-karozza tieghu ghat-tiswija ghand Vella.

Ikkunsidrat illi l-unika xhieda li ngiebet kontra l-imputat hija dik ta' Charles Mercieca li kien processat u misjub hati dwar pussess ta' droga u li indika lill-imputat bhala l-fornitur tal-istess sustanza. Id-droga instabet fil-pussess ta' Mercieca u mhux tal-imputat u fuq l-imputat jew fi hwejjgu ma nsatbet l-ebda haga in konnessjoni mad-droga jew traffikkar taghha. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha issib htija kontra l-imputat bil-konsegwenza ta' applikazzjoni tal-provvedimenti ta' ligi li jistghu itellfu il-liberta' tieghu.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur